VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,722, 3 ta' Frar, 2017

Taqsima B

A.L. 43 tal-2017

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2017 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg jew Pensjoni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli tal-2017 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg jew Pensjoni), u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg jew Pensjoni), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.149

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fir-rigward ta' dħul maqlugħ mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem.

Temenda r-regola 1 u t-titolu tar-regoli prinċipali.

2. Fir-regola 1 u fit-titolu tar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg jew Pensjoni)" għandhom jidħlu l-kliem "Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg)".

Temenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

3. Fil-paragrafu (a) tar-regola 2 tar-regoli prinċipali, il-kliem "jew dħul minn pensjoni suġġett għat-taxxa taħt l-artikolu 4(1)(d) tal-Att" għandu jiġi mħassar.